MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Rikors Numru. 1120/2008

Anthony **MUSCAT** u Malcolm Muscat

vs

Anthony **NICHOLL**, Patrick Nicholl, Pharma.MT Limited u Valletta Pharmaceuticals Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Anthony u Patrick Nicholl u Pharma.MT Limited u Valletta Pharmaceuticals Limited (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutati") fis-7 ta' Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li, għall-finijiet tal-artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti (i) ssib li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju maħruġ mill-intimati Anthony u Malcolm Muscat (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutanti") fil-25 ta' Settembru, 2008, safejn jolqot lir-rikorrenti Valletta Pharmaceuticals Limited inħareġ kontra l-liġi u għandu jitħassar; (ii) ssib li l-imsemmi Mandat, safejn jolqot lir-rikorrenti Pharma.MT Limited inħareġ kontra l-liġi u għandu jitħassar; (iii) ssib li l-eżekutanti naqsu li jiddeduċu l-kawża fil-mertu dwar il-jedd pretiż minnhom fil-kawżali li għaliha talbu l-ħruġ tal-istess Manadta, u għalhekk, minbarra li għandha tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat, għandha tikkundanna lill-istess eżekutanti biex iħallsu l-penali stabiliti mil-liġi għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12; (iv) f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġuni tajba għaliex għandha tordna t-tħassir tal-Mandat, tnaqqas l-ammont tas-somma kawtelata għas-somma ta' mija u tmenin elf disa' mija u bħamsin euro (€ 180,950), li joħroġ minn rapport magħmul minn esperta mqabbda minnhom; u (v) f'dan il-każ, tordna l-bdil tal-garanziji diġa' mogħtijin minnhom fl-atti tal-imsemmi Mandat b'oħrajn fl-imsemmi ammont imnaqqas;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-3 ta’ Frar, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti fit-22 ta’ Jannar, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm minnhom imsemmijin qalu li t-talbiet tar-rikorrenti eżekutati m’għandhomx jintlaqgħu;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-eżekutati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat u tal-Kontro-Mandat li għalihom jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta’ Frar, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) u 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju jew għat-tnaqqis tal-garanzija depożitata;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fil-25 ta’ Settembru, 2008, l-eżekutanti talbu u kisbu l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutati għall-ammont ta’ € 922,000 in kawtela ta’ “danni, likwidati għall-finijiet tal-Mandat odjern, liema danni ġew ikkawżati lir-rikorrenti mis-sekwestrati permezz ta’ l-aġir abbużiv tagħhom li wassal tnaqqis inġenti u irreparabbli fil-valur azzjonarju tal-protestanti fis-soċjeta’ Interpharma”. It-talba għall-ħruġ tal-Mandat intlaqgħet dak inhar stess. Il-Mandat kien notifikat lil xejn anqas minn ħamsa u erbgħin (45) sekwestratarju. Tlieta minn dawn bagħtu jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda flejjes jew assi tal-intimati. Fit-2 ta’ Ottubru, 2008, r-rikorrenti eżekutanti irrinunzjaw għall-effetti tal-Mandat fil-konfront ta’ depożitu bankarju hemm imsemmi, miżmum minn wieħed mill-banke kummerċjali sekwestratarji;

Illi bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru, 2008, wieħed minn banek sekwestratarji, Bank of Valletta p.l.c., fuq talba tal-eżekutati, ħareġ erba’ (4) garanziji bankarji li, flimkien, jitilgħu għas-somma miżmuma fil-Mandat. Dak inhar, l-eżekutati talbu l-ħruġ ta’ Kontro-Mandat “stante garanzija bankarja”. Dik it-

talba ntlaqgħet dak inhar stess[1]. Dan ir-Rikors tressaq fis-7 ta' Novembru, 2008;

Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Dan jingħad għaliex ir-rikors tressaq biex jilħaq żewġ għanijiet: jew it-tħassir tal-effetti ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra l-eżekutati jew li l-garanzija bankarja titnaqqas għal ammont xieraq. L-artikolu 836(7) li taħtu tressaq dan ir-Rikors jipprospetta sewwasew talba bħal din minkejja li l-Mandat ikun diġà' tħassar bil-ħruġ ta' Kontro-Mandat bażat fuq it-tressiq mill-parti intimata ta' garanzija bankarja;

Illi għalhekk, dan ifisser ukoll li l-firxa ta' rimedji li l-Qorti tista' tagħti hija limitata b'dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni tal-liġi. Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu;

Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex

[1] Kontro-Mandat 1475/08

seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il-Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala effett loġiku tat-tħassir tal-Mandat. Jidher ukoll li, sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx setax jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati;

Illi (a) **dwar jekk il-Mandat setax jinħareġ jew le**, l-eżekutati jressqu tliet talbiet. Tnejn minnhom jirrigwardaw lill-eżekutati Valletta Pharmaceuticals Limited u Pharma.MT Limited. Huma jgħidu li dawn ma setgħu qatt kienu suġġetti tal-Mandat u dan għaliex ma kellhom x'jaqsmu qatt man-negozji ta' Interpharma. Kif ingħad aktar qabel u kif sewwa jissottomettu l-eżekutanti fit-Tweġiba tagħhom, l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel f'din il-proċedura huwa l-istess bħal dawk li tagħmel kieku r-rikors tressaq taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1). Dan l-eżerċizzju llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa bis-saħħa ta' għadd ta' provvedimenti mogħtijin minn dawn il-Qrati. Li kieku din il-Qorti kellha tilqa' l-argumenti magħmulin mill-imsemmija żewġ kumpanniji eżekutati f'dan l-istadju, kienet tkun qiegħda tidħol biex tqis kwestjoni li jmissha tissemma u tkun maqtugħa fil-kawża fil-

mertu li hemm bejn il-partijiet (kif, fil-fatt, sar mill-istess eżekutati b'eċċezzjonijiet formali fir-rigward)[2];

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti eżekutati;

Illi t-tielet talba dwar jekk il-Mandat inħariġx ħażin jew le tinbena fuq l-allegazzjoni tal-eżekutati fis-sens li l-eżekutanti naqsu li jressqu b'kawża fil-mertu l-pretensjoni li dwarha huma talbu u kisbu l-ħruġ tal-Mandat. Huma jgħidu li, filwaqt li fil-każ tal-Mandat, l-eżekutanti ma kellhom l-ebda diffikulta' li b'ġurament jiddikjaraw somma likwidata, meta ġew biex jiftħu l-kawża, talbu li d-danni pretiżi minnhom ikunu likwidati mill-Qorti. Filwaqt li l-Qorti tifhem u tapprezza dan l-argument, ma jfissirx li, b'daqshekk, l-eżekutanti naqsu li jiftħu l-kawża xierqa fil-mertu wara l-ħruġ tal-Mandat. Minbarra s-sentenza li għaliha jirreferu l-eżekutanti fit-Tweġiba tagħhom[3], il-Qorti tqis li jekk wieħed iqabbel il-kawżali msemmija fil-Mandat mal-kawżali ewlenin (u wħud mit-talbiet) tar-Rikors Maħluf imressaq mill-eżekutanti, wieħed ma jistax ma jqisx li dak il-jedd imsemmi bħala bażi għall-ħruġ tal-Mandat kien il-jedd li dwaru tressqet il-kawża fil-mertu;

[2] Rik. Nru. 1044/08JRM
[3] P.A. GC **30.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Taormina Holdins Ltd vs Biochemicals International Ltd***

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan iġib li ma hemm xejn fil-Mandat maħruġ li jista' jitqies li kien kontra l-liġi. Minħabba li l-eżekutati jsejsu t-talba għall-kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tal-penali fuq dak li jiddisponi l-artikolu 836(8)(a), isegwi li lanqas it-tielet talba tar-rikorrenti eżekutati ma jistħoqqilha tintlaqa';

1Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li kien hemm raġuni tajba għaliex il-Mandat ma messux inħareġ;

Illi (b) **dwar jekk hemmx lok għat-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata** l-eżekutati jistrieħu ħafna fuq is-sejbiet ta' rapport *ex parte*[4] magħmul minn ditta ta' konsulenti bil-ħsieb li jinstilet valur ta' bħalissa tal-ishma tal-kumpannija Interpharma Company Limited. Dan ir-rapport tressaq bħala prova dokumentali mar-rikors tal-eżekutati u huwa ammissibbli bħala prova[5]. Madankollu, kif jirrilevaw l-eżekutanti fit-Tweġiba tagħhom, min fassal ir-rapport iddikjara li qagħad fuq tagħrif mogħti lilu minn wieħed mill-eżekutati nnfushom, ma kienx tagħrif aġġornat, u ma saru l-ebda verifiki dwar is-siwi tat-tagħirf mogħti;

Illi l-Qorti jkollha tagħraf il-limitazzjonijiet tal-imsemmija prova, l-iżjed fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 559,

[4] Dok "Ċ", f'paġġ. 23 sa 31 tal-atti
[5] Art. 563A tal-Kap 12

560(1) u 562 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi, min-naħa l-oħra, minħabba li t-talba tal-eżekutati taqa' taħt waħda mis-sitt kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-imsemmi Kodiċi – sewwasew il-paragrafu (d) tal-imsemmi artikolu – din il-Qorti għandha tistħarreġ dik il-kawżali, dejjem fil-parametri tal-provi li jitressqu u li huma ammissibbli fi proċedura bħal din;

Illi l-Qorti qieset sewwa x-xhieda mogħtija waqt is-smigħ mill-istralċjarju tal-kumpannija Interpharma[6]. Minn dik ix-xhieda l-Qorti ssib li hemm raġuni tajba biex tasal għall-fehma li, minkejja l-pretensjoni ta' danni *da liquidarsi* pretiżi mill-eżekutanti personalment fil-Mandat, huwa minnu li dak l-ammont ma jidhirx wieħed raġonevoli mad-daqqa t'għajn, meta wieħed iqis l-istatus attwali tal-istess kumpannija, u l-operat tagħha fl-aħħar snin;

Illi l-Qorti jidhrilha li s-somma ta' erbgħa mija u sebgħin elf euro (€ 470,000) għandha tkun biżżejjed tħares l-imsemmija pretensjonijiet, u dan jingħad dejjem bla ħsara għal kull rimedju ieħor li jista' jkun disponibbli lill-eżekutanti;

[6] Xhieda tiegħu f'paġġ. 40 – 3 tal-atti

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li hemm raġunijiet biex tilqa’ r-raba’ talba tal-eżekutati u sejra tordna tnaqqis fl-ammont tal-garanziji bankarji li huma diġa’ ressqu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti eżekutati** billi ma hemm l-ebda raġuni tajba li jwassal lill-Qorti biex tiddikjara li l-ħruġ tal-Mandat kien wieħed kontra l-liġi;

**Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrenti eżekutati** billi ssib li l-ammont imsemmi fil-Mandat ta’ Sekwestru maħruġ fuq tal-ba tal-eżekutanti kien, mad-daqqa t’għajn, wieħed eċċessiv u għalhekk tordna li l-garanziji bankarji maħruġa mill-eżekutati biex inkiseb il-ħruġ tal-Kontro-Mandat jitnaqqsu għas-somma ta’ erbgħa mija u sebgħin elf euro (€ 470,000), u mhux għall-ammont imsemmi mill-istess eżekutati; u

**Tordna** li l-eżekutati jħallsu l-**ispejjeż ta’ din il-proċedura**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------